Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, it-22 t'April 2021

**Pulizija**

**Vs**

**Michelina Grech**
**(159061M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet kontra **Michelina Grech** ta' 55 sena, bint Anthony u Lorenza nee' Micallef, imwielda l-Imdina fis-27 ta' Frar, 1961 u residenti f'22, Triq Zondadari, Rabat, detentrici tal-**karta ta' l-identita' numru 159061M**.

Fejn giet akkuzata talli, fil-perjodu ta' Dicembru 2014 sa l-ahhar ta' Awissu 2015, f'dawn il-Gzejjer, b`diversi atti maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. Approprjat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef,(ID 271427M) u liema somma giet fdata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha jew minhabba depozitu necessarju;

2. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qarrqet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar

xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef (ID 271427M) ;

3. Ghamlet qligh iehor b`qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) ghad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef (ID 271427M);

4. Ikkommettiet serq ta' flus permezz ta' cekkijiet b'valur ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Teresa sive Tessie Micallef (ID 271427M), liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412 (C) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba li biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Teresa sive Tessie Micallef ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fl-14 ta' Dicembru 2016, (esebiti *a fol*. 273 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 261(c) u (d), 267, 268, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 18, 31 u 532A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Gunju 2017, l-imputata wiegbet li m' ghandix oggezzjoni li l-kaz taghha jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda ta' l-iSpettur Yvonne Farrugia, Tereza Micallef, Frederick Micallef, PS 856 Conrad Falzon, Dr John Schembri MD, Fr Godfrey Micallef, Marvic Vella, Tony Gatt, Frederick Micallef (iben Frederick Micallef), Francis Micallef, l-imputata Michelina Grech, Patri Twanny Chircop, Doris Gatt Scicluna u Karen Grech.

Semghat ix-xhieda ta' Paul Attard.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi nhar it-12 ta' Mejju 2016, xehdet l-**iSpettur Yvonne Farrugia**[1] fejn qaghlet illi kienet irceviet kwerela[2] minghand l-avukat Dr Joe Giglio f'isem Frederick Micallef li kellu prokura[3] t'ohtu Teresa Micallef, li f'Novembru 2014 kienet talbitu c-cheque book. Eventwalment skopra li kien hemm numru ta' cekkijiet f'isem certu Lina Grech li kienet persuna li tiehu hsieb il-bzonnijiet ta' Teresa Micallef u li kienet tithallas ta' dan is-servizz minghand Frederick Micallef. Hu kien ghaddielhom numru ta' cheque images[4] f'isem Lina Grech, cekkijiet li nhargu f'isem Live Life[5] fejn kienet residenti Teresa Micallef u cekkijiet ohra[6] u lista ta' cekkjiet[7] li ssarfu. Din il-lista saret mill-familjari ta' Teresa Micallef li turi li c-cekkijiet li nhargu f'isem Lina Grech kienu jammontaw ghal disghin elf u disa' mitt euro (€90,900). Ix-xhud ipprezentat ukoll consolidated customer position[8]. Hi tkompli tghid illi kienet iltaqat ma' Teresa Micallef gewwa d-depot fejn Teresa qaltilha li kienet ilha xi sena toqghod gewwa Live Life f'tas-Sliema.

[1] Fol. 39 *et seq.*
[2] Dok YF7
[3] Dok YF1
[4] Dok YF2
[5] Dok YF3
[6] Dok YF4
[7] Dok YF5
[8] Dok YF6

Qabel kienet toqghod r-Rabat u kienet taf lil Lina peress illi kienu girien. Lina kienet bdiet tghin lil Teresa fix-xoghol tad-dar, tisjir u ggibilha l-affarijiet u ghalkemm qatt ma raqdet maghha bil-lejl, kull meta cemplitilha kienet tigi immedjatament. Teresa kienet thallas lil Lina talli kienet tghinnha erba' mitt euro fix-xahar. Teresa kienet isaqsi lil huha Feddie biex jgibilha l-flus u dan kien jgibilha daqqa elf u daqqa elfejn euro fix-xahar. Teresa qalghet lix-xhud, li kienet tonfoqhom kollha fuq bzonnijiet u kienet taghti minnhom lil Lina u anke lil missjoni. Hi gieli tat flus lil Lina ghax hi kienet tmur teqred ghandha u darba kienet marret il-bank maghha u tatha hamest elef euro (€5,000) cash biex id-dar ta' Michelina ssir taghha. Teresa mbaghad kienet gabet ic-cheque book u hallitu f'idejn Lina u ma' baqghetx titlob l-flus lil Freddie. Teresa kienet tiffirma c-cekkijiet in blank ghax kienet tafda lil Lina li timlihom skond il-bzonn. Hi ma kinitx taf ezatt xi flejjes kellha imma parti konsiderevoli tal-flus li kellha, kienet wirtet minghand huha Karmenu u ohtha Katie f'dak il-perjodu. Kien hemm ukoll cekkijiet mahrugin fuq David Grech li jigi hu Michelina Grech. Hi kienet taf dwar cekk partikolari ta' elf euro f'Lulju 2015 fejn Teresa qalghet lix-xhud, li kienet harget dan ic-cheque lil hu Lina bhala apprezzament ghall-ispejjes talli kien jwassal lil Lina mir-Rabat ghal tas-Sliema. Teresa Micallef ma kintix taf illi kienu ngibdu ammont totali ta' disghin elf euro ghax hi kienet tiffirma cekkijiet biex jintuzaw ghal bzonnijiet taghha u zgur ma kellhiex bzonnijiet f'dak l-ammont. Hi kienet marret ghand in-nutar biex thalli lil Lina mitt elf euro, wara mewtha imma meta saret taf illi Lina kienet haditilha dawn il-flus hi kienet marret ghand in-nutar u nehhitha mill-wirt. Ix-xhud kompliet tghid li fil-fatt kienu arrestaw lil Michelina Grech u kienu ukoll elevaw xi dokumenti u ohrajn kienu inghataw lil Pulizija minn Michelina stess. Ix-xhud kienet interrogat lil Michelina Grech u hi kienet irrilaxxat zewg stqarrijiet. L-iSpettur kienet tkellmet ukoll mar-ragel ta' Michelina Grech, Carmelo Grech li qal illi l-mara tieghu kienet tiehu hsieb lil Teresa Micallef u kienet thallasha xi €400 jew €500 fix-xahar u gieli kienet taghtiha xi haga zejda u gieli iffirmmatilha xi cheque ta' elf euro. Il-mara kienet tonfoq il-flus ghal hajja jew biex tbiddel xi affarijiet id-dar. Hu kkonferma illi l-mara kienet irceviet €5000 minghad Teresa. Hu ma kienx jkun prezenti, imma kienet tghidlu l-mara, u hu rarament mar ghand Tereesa Micallef u dan kien biex jghin lil mara ghax Teresa tkun waqghet mis-sodda. Ix-xhud kompliet tghid li l-prokura ta' hu Tessie kienet ghada in vigore. L-ispejjes tal-home Live Life kienet thallashom Michelina Grech bic-cheque book li kienet tkun iffirmat Teresa in blank.

Illi fl-istess seduta xehdet **Teresa Micallef**[9] fejn qalet illi nhar it-12 ta' Mejju 2016, hi kienet tghix gewwa Triq Zondadori gewwa Rabat, Malta u kienet ilha ftit aktar minn sena tghix go Live Life Home. Ix-xhud qalghet li kienet tat prokura lil huha Fredrick Micallef. Lina Grech kienet il-gara taghha u kienet ilha tafha ghal hafna snin. Hi kienet tmur ghandha kuljum u tiehu hsiebha u kienet taghitha l-flus biex tixtrilha l-bzonnijiet. Minn meta marret fil-home Lina kellha kollox f'idejha inklus ic-cheque book ghax kienet tafdaha b'ghajnejha maghluqa. In-neputijiet kienu qalulha biex toqghod attenta minn Lina ghax hi kienet taghtiha c-cekkijiet vojta biex tiffirmalha u kienet timla d-dettalji hi. Ghal bidu kienet tghidilha x'kienet ser tixtri bihom imma mbaghad kienet halliet f'idejha u ma kintix tghidilha xejn. Ghalkemm indunat illi kienet qieghda tiffirma hafna izjed cekkijiet minn qabel qatt ma sa qsietha dwarhom ghax kienet tafdaha lil Lina. Il-kontijiet tad-dawl u ilma, television u telefon kien jhallashom huha, imma Lina kienet tohdilha l-affarijiet tal-ikel. Darba meta kienet ghadha tghix ir-Rabat, lil Lina tatha hamest t'elef euro (€5,000) biex thallas id-dar u fil-Milied kienet taghtiha xi mitt euro (€100) u gieli tatha biex tixtri l-pilloli ghar-ragel taghha, imma flus mhux cheque. Ix-xhud kompliet tghid li lil Lina kienet anke taghtiha xi flus fix-xahar talli kienet taqdiha. Lina kienet hadet lil Teresa mill-home, ghand l-HSBC bank tar-Rabat meta kienet ma tiflahx, u x-xhud ffirmat xi dokumenti biex qalbet il-flus li kienu fixed ghal savings biex jkollhom x'jixtru. Kien mar ghaliha hu r-ragel ta' Lina, David u fil fatt x-xhud tatu elf euro (€1,000) fejn hu gieli wassalha r-Rabat ghal xi affarijiet u jerga' jehodha lura l-Home. Apparti dakinhar kien hemm okkazzjonijiet ohra li marret ma' Lina l-bank qabel, u kienu gibdu flus mill-bank u kienu jonfquhom fil-bzonnijiet li kienet tmur tixtrilha Lina. Meta ix-xhud kienet ghadha tghix r-Rabat, huha l-prokuratur kien jaghtiha xi elfejn euro (€2,000) fix-xahar u kultant elf euro (€1,000) ghax ma kienux jservuha u kien jghidilha biex ma tehux aktar. Ix-xhud qalghet li kien jiddispjaciha meta kien jghidilha hekk, ghax taf li kellha l-flus u ma kellux jindahlilha. Hi kienet ghamlet testment u halliet mitt elf Euro (€100,000) lil Lina, imma kif saret taf li Lina haditilha l-eluf, ix-xhud biddlet it-testment biex ma thallilha xejn. Hi saret taf li Lina haditilha l-eluf ghax in-neputijiet sabu c-cekkijiet iffirmati minnha ta' eluf, izda hi ma kinitx tatha permess biex tiffirma cekkijiet ta' eluf. Giet murijha xi cekkijiet[10] fejn ikkonfermat illi l-firma kienet taghha izda l-kitba fuq ic-cheque ma kienx taghha, ghax hi kienet tiffirma c-cheque minghajr kitba. Ix-xhud giet murijha cekkijiet mahrugin f'Lulju 2015 li

[9] Fol.55-85
[10] Dok YF2

jammontaw ghal eluf ta' ewro, u meta giet mistoqsija jekk kinitx taf ghalfejn kienu inhargu dawn il-flus, hi wiegbet illi zgur illi ma kinitx taf b'dawn il-flejjes. Ix-xhud giet murijha ukoll dokument li kien karta ta' pitazz, bil-kitba ta' Tessie Micallef, b'ammonti li tat lil Lina bhala donazzzjonijiet, bhala tpattija ta' kemm ghamlet maghha, fejn ix-xhud wegbet illi Lina kienet geghlitha tikteb hekk u hi kitbitha. Ix-xhud qalghet li hi kienet iggib gardinar u thallsu hi stess. Fil-kontro ezami x-xhud qalet illi hi kienet taf tikteb u taqra, izda ma kintix certa jekk kintix dik il-karta li Lina kienet geghlitha tikteb u ma tiftakarx kinitx ghada r-Rabat jew l-Home. Lina kienet ilha snin kbar tiehu hsiebha aktar minn ghaxar snin. L-ewwel kienet tnadfilha, imbaghad kif mardet, bdiet tiehu hsiebha billi tmur tixtrilha u taghmel t-tisjir, fejn Lina kienet tmur mill-inqas tlett darbiet kuljum biex taghtiha tiekol u darba kultant anke bil-lejl. Darba ukoll haditha l-isptar bil-lejl. Ix-xhud qalghet illi meta kellha bzonnha lil Lina kienet icemplilha. Huha kien jhallas lil Lina ta' dan ix-xoghol izda ma ftakritx kemm kien jaghtiha, izda hi kienet taghtiha xi erbghin euro (€40) fix-xahar. Ix-xhud qalghet li ma kinitx hadet pjacir li huha kien jsaqsiha fejn nefqet il-flus. Matul l-ahhar ghaxar snin meta kienet tiehu hsiebha Lina, il-familjari taghha ma kienux jmorru jaraha jew jiehdu hsiebha imma kienet tiehu hsiebha Lina.

Illi fit-22 ta' Gunju 2016 xehed **Frederick Micallef**[11], fejn qal illi huwa jigi hu Tessie Micallef u li kien il-prokuratur taghha minn Awissu 2012 u kien jgibilha l-flus mill-bank. L-ewwel kien jaghti lil Tessie elf euro (€1,000) fix-xahar u wara ftit beda jtiha elfejn euro (€2,000) fix-xahar. Kien hemm zmien li ohtu Tessie riedet aktar minn ekfejn euro (€2,000) fix-xahar. Kien johdilha l-flus u jghoddhom quddiema u wara li tiffirmalu li hadithom, jaghmilhomlha fil-gwardarobba. B'referenza ghal Dok YF12 ix-xhud qal li l-ewwel tnejn hemm il-firma ta' huh Father Godfrey ghax hu ma kienx ghadu f'kuntatt ma' Tessie u meta hi talbitu l-flus, hu kien tahom lil huh biex jaghtihomlha. Kien jaf li Michelina Grech kienet tiehu hsieb lil ohtu u ghal bidu kien jhalli l-flus ghal Michelina m'ohtu biex tghaddihomlha u l-ircevuta fil-ktieb biex tiffirmalha li hadithom. L-ewwel beda jhallasha mitejn euro (€200) fix-xahar, imbaghad ftit wara mitejn u hamsin euro (€250) u imbaghad tlett mitt euro (€300) sakemm tela ghal erbgha mitt euro (€400) fix-xahar sal-ahhar ta' 2014. Il-ktieb ma jafx x'sar minnu ghax ma kellux aktar x'jaqsam. Ohtu kienet ilha xi sena tghix Live Life u sar jaf minn ghand it-tfal. Ohtu talbitu jaghti lil Michelina cheque ta' erbghat'elef u sebgha mitt euro (€4, 700) bhala donation, imbaghad f'Novembru 2014

[11] Fol. 94-120

kienet talbitu jaghtiha lura c-cheque book u qatt ma rega' kien ghandu. Fil-kontro ezami ix-xhud gie mistoqsi x'kien l-ammont li kien jinkiteb fuq l-ircevuta u x-xhud wiegeb illi dan kien il-bilanc li fadal fil-kont. Hu jghid illi hu jghix wahdu imma Michelina qatt ma marret tghinu ghax ma kellux bzonn l-ghajnuna.

Illi fit-23 ta' Gunju 2016 xehdet **Teresa Micallef** in **kontro ezami**[12] li Michelina Grech kienet iddur ukoll b'ohtha Katie u huha Karmenu li kienu jghixu maghha imma illum mietu t-tnejn. Kienet tixtrilhom, tnadaffhom, issajjar, tahslilhom il-hwejjeg u tnaddaf id-dar. Hi kienet tghaddi titmahom tlett darbiet kuljum u darba x-xhud cemplitilha mal-lejl ghax ma hassitiex tiflah u Lina kienet marret ghandha. Hi nsiet kemm kienet thallasha ta' dan ix-xoghol, imma kienet taghtiha xi haga zejda, xi €40 meta kienet tnaddfilha u huha kien jaghtiha l-paga. Ix-xhud qalghet illi huha kien jaghtiha xi elfejn euro (€2,000) u hi kienet tiffirmalu fuq il-karta u kienet taghti xi haga tal-flus lil Lina xi hamsa u erbghin euro (€45) fix-xahar. Ix-xhud ikkonfermat illi kienet ilha xi sena li marret tghix tas-Sliema fil-Home u Michelina kienet tmur taraha spiss, imma mhux kuljum. Lina kienet tmur bic-cheque book u tghidilha tiffirmalha biex iggib l-affarijiet. Ghal bidu kienet tghidilha ta' kemm kien ic-cheque imma imbaghad hi stess kienet tghidilha, tghidli xejn ghamel kemm ghandek bzonn u ma kinitx issaqsiha kemm qieghda taghmlu c-cheque ghax kienet tafdaha. Lina ma kinitx timla c-cheque quddiemha imma ic-cheque kien jkun vojt. Gieli iffirmat xi erba' cheques f'gimgha ghax Lina kienet tghidilha li xtratilha bzonnijiet ghad-dar u hwejjeg. Hi ma ftakritx li kienet tircievi statements mill-bank imma kienet taf kemm kellha flus il-bank. Michelina kienet tghidilha biex tiftakar fiha u kienet ghamlet testament biex thallilha mitt elf euro (€100,000) wara mewtha talli hadet hsibha. Ix-xhud kompliet tghid li l-familjari taghha ma kienux jmorru jarawha izda dawn kienu qalulha dan l-ahhar li Michelina kienet iggibilhom l-iskuzi li hi rieqda jew li ma tiflahx. In-neputijiet qalulha li kienu naqsulha hafna flus, izda mhux hi kienet li qabdithom jiccekjaw, u hi ma marritx maghhom u lanqas taf jekk kienx mar maghhom Freddie li kellu l-prokura.  Ix-xhud qalet li hi baqghet tkellem lil Michelina u m'uritiex x'kien qieghed jigri, u Michelina baqghet tmur tarha sa l-ahhar. Hi kienet taghti flus lil Michelina biex tixtri l-medicina ghar-ragel taghha u ghal professur, biex tghinha, u anke taghtha flus biex thallas id-dar. Michelina kienet taghtha file mimli bl-ircevuti. Freddie kien ghamel zmien li kien zamm ic-cheque book biex ix-xhud ma tiehux flus mill-kont taghha. Hi

[12] Fol.122-169

ma kinitx taf kemm kienet tonfoq u x'kienet tixtri Michelina. Ix-xhud qalghet illi kienet qieghda thallas mitt (€100) kuljum ghal home, u ghalkemm setghet tonfoq flusha u ma jkunx ghad fadal il-mitt elf euro (€100,000) li kellha taghti lil Michelina wara mewtha, hi ma kinitx qaltilha biex tehodhom mill-kont qabel mewtha.

Illi fit-28 ta' Lulju 2016 regghet xehdet l-**iSpettur Yvonne Farrugia**[13] li pprezentat dokumenti mmarkati YF14 sa YF 20 fejn dokument YF18 huwa l-karta tal-pitazz li kienet saret referenza ghaliha fix-xhieda ta' Tessie Micallef.

Illi xehed ukoll **PS856 Conrad Falzon**[14] li gharaf il-firma tieghu fuq zewg stqarrijiet ta' Michelina Grech[15]. Ix-xhud qal illi fil-25 ta' April 2016 mar flimkien ma' PC Sean Spiteri fir-residenza ta' Michelina Grech li gharaf fl-awla, biex jaghmlu tfittxija u elevaw portmoni bil-flus. L-imputata tathom ittra miktuba mix-xwejha u taghthom ukoll dokumenti relatati mal-kontijiet tal-bank taghhom, u huma haduha maghhom id-depot ghal istqarrija. Ix-xhud ikkonferma illi Dokument YF9 hija rcevuta li taw lil akkuzata tal-flus li elevaw li jammotaw ghal hames mija u hames mitt euro (€555) u li kienu go portmoni ta' l-imputata, u d-dokumenti YF 14 sa YF20 huma id-dokumenti li elevaw u mnizzlin fl-ircevuta li taw lis-Sinjura Grech.

Illi fis-6 t'Ottubru 2016 xehed **Dr John Schembri**[16] li kien it-tabib ta' Tessie Micallef ghal dawn l-ahhar hmistax jew ghoxrin sena. Ix-xhud qal li Tessie kienet tbaghti mill-pressjoni, mard iskemiku tal-qalb u depression u kienet tixtri zewg tipi ta' medicina tad-depression fl-ammont ta' hamsin euro (€50) fix-xahar izda ghal mard l-iehor kienet tehodhom b'xejn bil-kartuna s-safra. Tessie ilha bid-depression tul dawn is-snin u l-ahhar li ghamlilha prescription kien fit-2015 qabel ma' marret tghix fil-home.

Illi xehed **Fr. Godfrey Micallef**[17] fejn qal illi kien jaf lil imputata ghax kienet tghin u taqdi lil ohtu Tessie, ghal dawn l-ahhar hames jew sitt snin. Ix-xhud qal li issa ohtu qieghda go home, Live Life u sar jaf rigward dan minghand huh. Fis-snin 2013 sa 2014, ohtu kienet taghtu xi elfejn euro (€2,000), minn jedda, biex jaqdiha u minnhom kien jixtrilha l-pillolli u jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma, telefon u television. Michelina gieli

[13] Fol. 176 *et seq.*
[14] Fol. 179 -182
[15] Dok YF10-YF11
[16] Fol. 189 sa 193
[17] Fol. 194-201

kienet tibghatu biex tixtri xi affarijiet u hu fehem illi dawn kienu ghal ohtu Tessie. Hu qatt ma 'nghata rcevuta minghand Michelina ghal ohtu, imma meta kien jiehu hsieb l-affarijiet ta' huh Carmelo Micallef, li llum kien mejjet, kienet ghamlitlu zewg ircevuti. Ix-xhud qal li hu kien jaf li Tony kien jiehu hsieb il-gnien t'ohtu, u dan kien mar xi hames darbiet bejn il-2013 u 2014 u generalment kien jhallsu hu mill-flus li taghtih ohtu, izda xi darba hallsitu ohtu. Hu kien jaghtih xi kultant mitejn euro (€200), tlett mitt euro (€300) jew erbat mitt euro (€400) skond ix-xoghol.

Illi fl-10 ta' Novembru 2016 xehdet **Marvic Vella**[18] rapprezentata tal-HSBC, fejn pprezentat Dokument MV1[19] li huma kopji tal-'images' tac-cekkijiet tal-kont ta' Teresa Micallef li gew msarrfa.

Illi fl-istess seduta xehed ukoll **Tony Gatt**[20] fejn qal illi jaf lil Michelina Grech ghax tigi oht il-mara tieghu. Ix-xhud qal li lil Teresa Micallef jafha ghax kien il-gardinar taghha ghal xi hames snin. Hu kien imur hames darbiet f'sena ghand Teresa u hi kienet thallsu sittin euro (€60) cash u hames euro (€5) kienet ittihomlu volonta' taghha u daqqa hallsitu hi u drabi ohra huha l-father.

Illi fit-18 ta' Mejju 2017 xehed **Dr Joe Seychell Navarro** fejn pprezenta r-rapport ta' l-assi[21] ta' l-imputata.

Illi xehed ukoll **Frederick Micallef**[22] fejn qal illi Tessie Micallef hija z-zija tieghu. Hu kien jaf lil imputata, ghax kienet tiehu hsieb lit-tlett zijiet anzjani tieghu, li jigu hut missieru, u li kienu jghixu vicin taghha. Maz-zmien bdiet tithallas tas-servigi, l-ewwel fl-ammont ta' mitejn (€200) fix-xahar u wara xi sentejn zdiedu ghal erbgha mija (€400) fix-xahar. Ghal bidu kienu kuntenti b'dan l-arrangament imma maz-zmien fis-snin 2013 u 2014, kien hemm zewg okkazzjonijiet meta kien mar biex jzur iz-zija u darba minnhom Lina qaltlu li z-zija kienet rieqda u ma laqghatux u fit-tieni okkazzjoni Lina baqghet hdejhom qisha biex tissemma. F'April 2015 iz-zija marret tghix gewwa Live Life u kien sar jaf minn ghand il-qraba. Il-papa tieghu kien il-prokuratur ta' Tessie Micallef, u kien jgibilha l-flus mill-bank, u peress illi bejn l-2013 u l-2014 missieru kien hareg xi €72,000 mill-kont taghha kien jsaqsiha x'qieghda taghmel b'dawn il-flus. Missieru ma baqax jircievi l-istatements imma ircieva wahda u urihielu fejn aparti

[18] Fol. 205-208
[19] Fol. 209-267
[20] Fol. 268-271
[21] Fol. 280-347
[22] Fol. 348-367

dawn il-withdrawals kien hemm hafna ohrajn u jiena tlabt parir mill-mara li kienet tahdem il-bank, u sejahna laqgha mal branch tal-HSBC gewwa Rabat. Huma kienu talbu cheque images lil Bank peress illi missieru kien ghadu prokuratur, il-bank taghhomlhom u missieru talbu jghinu u beda janalizza c-cheques. Fil-fatt ikkonferma bil-gurament li pprepara dokument YF5, li juri c-cheques li hargu, d-data, f'isem min u l-ammont u kkonkluda illi minn Dicembru 2014 sa Awissu 2015 kien hemm cekkijiet fejn l-ammont ta'disghin elf u disgha mitt euro (€90,900) kienu a favur Michelina Grech u elf u tlett mitt euro (€1,300) lil David Grech. Fil-kontro ezami qal illi ma kienx jaf wara kemm telghet ghal mitejn u hamsin euro (€250) u imbaghad ghal tlett mija euro (€300) u wara ghal erbgha mitt euro (€400). Mistoqsi kienx jaf kemm il-darba fil-gimgha Michelina kienet tmur tara liz-zija jew kemm il-siegha kienet tqatta' hemm, hu wiegeb illi ma kienx jaf, imma jaf li kienet tkun hemm il-Hadd ghax meta mar il-Hadd kienet hemm. Hu ma kienx jmur jzurha ta' spiss, inqas minn darba fix-xahar. Iz-zija kienet tghidlu li Lina kienet tiehu hsieb ix-xiri u tisjir u kienet tixtri l-bzonnijiet ghal Tessie. Mistoqsi jekk familjari kienu jhallsu tal-affarijiet li kellha bzonn iz-zija hu wiegeb illi ma kienx jaf imma kien hemm it-tnejn u sebghin elf euro (€72,000) li ingibdu kif ukoll id-disghin elf euro (€90,000) b'total allura ta' mija u sittin elf euro (€160,000) f'sentejn. Iz-zija qatt ma' gergret ghal Lina u huma kienu kuntenti li kien hemm xi hadd jiehu hsieb iz-zijiet. Mistoqsi x'kienet ir-raguni li ghollew il-hlas ghal Lina minn mitejn euro (€200) ghal erbgha mitt euro (€400) hu wiegeb illi ghax probabli meta tkellmu maz-zija hassew li kienet iggustifikata. Jista' jkun li kien hemm xi perjodu fil-bidu meta Lina ma kinitx tithallas. Ix-xhud kompla jghid li z-zija Tessie bhalissa kienet tghix go home il-Live Life u kienet thallas €3,000 fix-xahar. Iz-zija qatt ma qalet illi Michelina sforzatha biex tiffirma c-cheques. Meta missieru taha lura c-cheque book liz-zija, hu waqaf jghaddilha l-flus ghax kienet tuza' c-cheque book. Missieru qatt ma iccekja qabel ma ircieva l-istatement. Iz-zija kienet anzjana ta' 87 snin u kellha depression u fil-fatt ma riditx tohrog mid-dar dak iz-zmien. Illum tohrog u timxi, izda ma jafx jekk kinitx tbati minn xi haga.

Illi fit-22 ta'Gunju 2017 xehed **Francis Micallef**[23], fejn qal li Tessie hija oht missieru u jaf lil akkuzata peress illi hija gara taz-zija li kienet tghix Triq Zondadari, Rabat. Ix-xhud qal li Lina ghal bidu kienet taghmel qadi zghir kuljum u maz-zmien kienet tkun hemm aktar spiss. Fl-ahhar tat-2012 iz-zija riedet taghtiha servigi ta' mitejn euro (€200) fix-xahar. Ix-xhud qal li

[23] Fol. 369 - 380

missieru kien jgib il-flus mill-bank u l-imputata kienet tiffirma ircevuta li kien jzomm missieru li kien prokuratur. Meta kien jzur liz-zija, l-imputata kienet tkun prezenti, u fl-2014 kienet saret aktar difficli biex jaraw liz-zija, ghax ma kellhomx cavetta, u jekk l-imputata ma kinitx hemm, ma setghux jidhlu, ghax zitu kienet prattikament fis-sodda, u gieli l-imputata qaltlu li z-zija rieqda. Kien hemm okkazzjonijiet fejn l-imputata kienet tkun barra l-bieb tad-dar taghha u tmur tiftahlu hi, izda meta kienu jidhlu ma' setghux jitkellmu maz-zija wahedha, ghax l-imputata kienet tibqa prezenti. Hu qatt ma' qal lil Michelina biex thallihom wahedhom biex jkellmu liz-zija, izda ppretenda li kellha taghtihom l-ispazju. Iz-zija dahlet fil-home f'April 2015, u saru jafu ghax l-imputata qalet liz-ziju tieghu. Missieru kien jaghmel cash withdrawals ta' xi elf euro (€1,000) fil-bidu ta' 2013 izda maz-zmien bdit tizdied il-frekwenza u l-kwantita, tant illi kien gibed xi hamsin elf euro (€50,000) fi zmien sentejn bejn 2013 u 2014, u l-papa tax-xhud kien gibed l-attenzjoni lil Tessie li kienet qieghda tigbed hafna flus. Il-papa tax-xhud ma baqax jircievi l-istatements tal-current, sakemm irieva wahda tas-savings fil-2014, fejn certa accounts flokk kienu jiggeddu kienu qeghdin jinghalqu u l-flus jmorru fis-savings. Il-flus kienu jmorru fil-current awtomatikament meta ma kienx hemm flus. Marru jkellmu lil Tessie li ghal ewwel ma setghetx temmen, u fuq struzzjonijiet taz-zija, hutu u missieru marru l-HSBC tar-Rabat. Fid-9 ta' Settembru 2014, l-papa u z-zija tieghu, marru l-bank biex jaghmlu stop payments. Ix-xhud qal li hu kien ghin lil huh Frederick jipprepara dokument YF5 li juri li minn Dicembru 2014 sa Settembru 2015 kien hemm hrug ta' €90,900 u dokument YF2 huma images tac-cheques li hargu f'isem Lina Grech u €1,300 li hargu f'isem David Grech, li jigi minn Lina Grech, ghax kien iwassal liz-zija. Mistoqsi fil-kontro ezami kemm il-darba kien jmur jara liz-zija meta kienet ir-Rabat, jghid li darba kull xahar jew xahrejn u peress illi z-zija kienet fis-sodda jekk ma kinitx tkun hemm Michelina ma setax jidhol ghand iz-zija. Issa kien jmur jaraha darba fil-hmistax. Mistoqsi jekk huma kienux jipprovdu ghal bzonnijiet taz-zija, huwa wiegeb illi ma kienx hemm ghalfejn ghax kienet tiehu hsieb l-imputata u dan ghal perjodu minn 2011 sa 2015. Fil-2012 il-papa tieghu kien jaghti servigi lil imputata ta' mitejn euro (€200) li telghu ghal erbgha mitt euro (€400) fix-xahar. Iz-zija qatt ma kienet ilmentat kontra Michelina. Iz-zija kienet thallas tlett elef euro (€3000) fix-xahar ghal Live Life Home u bir-rehabilitation marret ghal ahjar, ghax qabel kienet bed ridden, u issa anke tohrog. Ix-xhud qal li l-papa tieghu ma baqax il-prokuratur ghax spicca id-dar ta' Santa Katarina, Attard.

Illi fit-18 ta' Jannar 2018 xehdet **l-imputata Michelina Grech**[24] u ezebit Dok MG 1, MG 2 u MG3 fejn iddikjarat illi ma riditx tiehu gurament qabel ma' tixhed, ghax skond il-Bibbja il-Mulej ma jiehux pjacir b'min jiehu gurament, imma mhux ser tigdeb. Hi kienet ilha taf lil Tessie xi ghaxar snin, Tessie kienet toqghod ma' ohtha Katie, li kienet tbaghti mill-mard tal-kliwi u ma huha Karmenu li kien ghamel l-operazzjoni tal-hip bone u kien bil-bastun. Huma kienu tlett anzjani fuq tmenin sena, u joqoghdu numru 17 u hi toqghod numru 2. Hi kienet tghid lil Tessie biex jekk ikollha bzonn xi haga tghidilha. Peress illi x-xoghol waqa' fuq Tessie, din ma felhitx u kienet issaqsiha biex tghinha u kienet toffrilha l-flus izda hi m'accetatx flus. Wara xi sena Tessie saqsietha biex tibda tmur fis-sitta ta' filghodu biex tahsel lil ohtha Katie. Katie kienet ukoll tmur l-isptar bl-ambulanza wahidha ghal magna darbtejn fil-gimgha, u l-imputata gieli marret maghha fejn kienu jdumu xi erba' sieghat. Din is-sitwazzjoni kompliet ghal xi sentejn sakemm Katie mietet. Dak iz-zmien l-imputat ma' kintix tithallas, ghalkemm Tessie kienet toffrilha. L-imputata qalghet li dak iz-zmien qatt ma' rat xi familjari taghhom. Mal mewt t'ohtha, Tessie bdiet sejra lura, kellha depression u talbitha tmur tghinha ghax ma felhitx tiehu hsieb lilha nnifisha, ahseb u ara lil huha Karmenu. L-imputata spjegat illi hi bdiet tmur kuljum fis-6.00am biex taghtihom il-pillolli, tahsilhom u taghtihom l-breakfast u tbidilhom il-hwejjeg u anke tahsilhomlhom. Kienet titla' lura d-dar ghal nofs siegha fid-9.00am meta jigi huhom il-Father u kienet terga' tmur lura xi l-ghaxra biex taghtihom laringa. Kienet iggib t-tabib kuljum ghal Tessie u kienet issajrilhom u kienet taghtihom jieklu, izda lil Tessie kien jkollha titmaghha ghax kienet tixraq. Kienet thallihom jistriehu u titla'd-dar imma wara ftit kienet iccemplilha Tessie u tghidilha biex taghmlilha te u kienet terga' tmur f'xi tlieta titawlilhom u tibqa' hemm sat-tmienja jew disgha ta' filghaxija. Kienet terga' taghtihom it-te u tigbor il-hwejjeg, fis-sitta taghmlilhom it-television fuq ir-ruzarju u wara r-ruzarju kienet tlestilhom l-ikel ghal fighaxija, titmaghhom u taghtihom il-pillolli u tlibislha tat-telecare qabel ma tmur id-dar. Fr. Godfrey kien jerga' jmur f'xi l-4.30 jara l-football, hu biss kien jmur u darba fil in-neputi Frankie li kien jghidilha biex tmur hdejn ir-ragel u jitmaghha hu. Darba saqsieha jekk iz-zija kintix qieghda tiehu hsiebha, ghax it-tnejn li huma kienu qalulu li hi qieghda issalvhom u hi qaltlu li z-zija kienet qalbha tajba. Spiss kienet icemplilha Tessie bil-lejl u fix-xita biex tmur jew ghax jkun waqa' Karmenu ghax gieli kien jqum wahdu. Hi kienet tehdilhom tal-massaggi, hairdresser, Dr. Neville

[24] Fol. 384-466

u tad-dwiefer. Wara li mietet Katie, Tessie bdiet taghtiha mitejn euro (€200) fix–xahar peress illi kienet tmur kuljum. L-imputata qalghet illi meta hi stess darba spiccat l-isptar u zammewha jumejn, hadd ma kien jmur jarhom, u fil-fatt kienet tibghat lir-ragel taggha biex jitawlilhom. Tessie kienet tibki lil huha Freddie li kellu prokura ghax ma riedx jaghtiha elfejn euro (€2,000) imma elf euro (€1,000) biss fix–xahar li minnhom kienet thallas lilha, lil Father, lil GO, lil gardinar, u lit-tabib li kien jmur kuljum. Fr Twanny Circop kien qal lil Tessie biex tibda tmur hi l-bank u Tessie riditha tehodha l-bank. L-imputata qalet lil Fr Godfrey li Tessie riditha tehodha l-bank u qalilha hudha xejn xejn tohrog naqra. X'hin dahlu l-bank raw lil Freddie u hu inhassad ghax Tessie ma kinitx qaltlu, u dahlu ghand il-manager, u dahal ukoll Freddie u l-manager qal illi la mohha ghadu tajjeb ghandha dritt tiehu kemm trid. Kien hemm skrivana li qaltilha biex meta jkollha bzonn, taghmel cheque fuq Michelina u hi ssarfu u qaltilha biex il-kontijiet li kienu ser jaghlqu taghmilhom savings. Hi kienet taf illi tal-familja kienu ser jircievu l-istatments u ma kellhiex biza. L-imputata kienet tixtrilha l-affarijiet u Tessie kienet thallasha u anke kienet tixtrilha l-pillolli ghar-ragel taghha li kien marid. Damet xi hames snin tithallas mitejn euro (€200) fix-xahar, imma mbaghad zdied ix-xoghol, ghax il-Father ukoll kien jgib il-hwejjeg tieghu u il-kamsu li jqaddes bih, biex tahsilhomlu l-imputata u hu kien jaghtiha ghoxrin euro (€20), imma darba l-imputata kellha bzonn erba mitt euro (€400) u Fr Godfrey kien tahomlha u kienet iffirmatlu karta. Hi ma kellha hajja ta' xejn lanqas fil-Milied, ghax ma kellhiex qalb thallihom wahidhom. L-imputata qalghet li wara ftit kienet qalet lil Tessie biex izzidha ghax ma felhitx ghal dak ix-xoghol kollu, u qalet lil Freddie u dan kien ghamel ktieb u hi kienet tiffirmalu u bdiet tithallas erba mitt euro (€400) fix-xahar ghax xi sentejn. Zdied ix-xoghol ghax Tessie u Karmenu kienu jaghmlu tahthom u kienet tbidlilhom ta' spiss u tisqihom. Darba Tessie riedet tinzel isfel u qabdet mal-istair lift u waqghet u kien hemm ir-ragel t'ohth l-imputata u refahha u gabulha t-tabib li qalilha biex taghtiha ilma kull ghaxar minuti biex ma tigix dehydrated. Darba Tessie intiflet minn sensieha kienu wara d-9.00pm u haditha l-isptar bl-ambulanza u damu hemm sal-4.00am u halliet lil Karmenu d-dar wahdu. Dakinhar biss ma kinitx qalet lil Fr Godfrey ghax kien tard. Tessie kienet damet xi xahar l-isptar u hi kienet tmur taraha kuljum u neputija wahda jisimha Pauline biss marret tarha u kienu anke ghamlulha l-grizma. Meta Tessie regghat marret lura d-dar u regghat bdiet bl-istess rutina. Lil Karmenu darba ratu hazin u cemplet lil Fr Godfrey u qaltlu li ser ggib l- ambulanza u marret mieghu l-isptar fl-ambulanza u fil-fatt kellu stroke u waqt illi kien l-isptar

il-Father kien qal lil social worker biex jmur f'home. Dam fil-Home xi sena qabel ma miet ghalkemm Karmenu dejjem jghid li ma ridx jmur f'home. Fr Godfrey kien qalilha li kellha bizzejjed x'taghmel b'wahda. Hi kienet tmur tarah San Vincenz b'erba' karrozzi tal-linja u tehodlu l-hwejjeg mahmugin, tqaxxarlu l-lehja u tehodlu l-frott u titimghu u iccempel lil Tessie minn hdejn Karmenu biex almenu jitkellmu. Tessie kienet tiddejjaq wehedha bil-lejl u kienet iccemplilha u kienet toqghod maghha sakemm torqod. Darba marret fil-5.30am u sabitha li waqghet u cemplet il-Freddie biex jghhinha ghax ma setghetx terfahha u Freddie qalilha biex thalliha mal-art ghax ma kienx ser jigi fid-dlam u kellha terfahha wehedha. Darba f'Jannar kien bard kienu cemplulha tat-telecare ghax Tessie gralha xi haga u marret u cemplet l-ambulanza u haditha l-isptar.

L-imputata kompliet tghid illi waqt illi kienet l-isptar Tessie, Robert Grech tal-Live Life qalilha li kienu qeghdin jofru 21 jum fil-home b'xejn u Tessie ghogbitha l-ideja u kienet qalet lil Fr Godfrey li qabel maghha. Wara il-21 jum ghaddew qalulha li jekk riedet tibqa' hemmhekk, riedet thallas mitt euro (€100) kuljum u Fr Godfrey qalilha halliha hemm la ghogobha ghax Tessie kienet anke wirtet minghand huha Karmenu. Fr Godfrey kien jibghat lil imputata ghand in Nutar Robert Micallef li jigi minnhom biex tlestilha l-karti u kienet tmur l-HSBC bank Qormi. L-imputatat qalghet illi kienet tmur tara lil Tessie kuljum, titlaq fis-1.00pm u tasal lura id-dar fis-6.00pm meta kienet il-home tas Sliema u kienet tehdilha yogurts u halib fil-cooler. Tessie riedet li ggib in-Nutar tas-Sliema ghax riedet thallilha xi haga fit-testment u hallitilha mitt elf euro (€100,000). Tessie kienet tghid lil imputatat, li la ha tiffirma cheque ghal Live Life, taghmel iehor ghaliha u biex taghmlu ta' kemm trid, ghax lilha kienet sabet u riedet taghtihomlha f'hajjitha. L-imputata kienet tghidilha li kienu ghadhom kemm ghamlu cheque u Tessie kienet tghidilha, le ghadna ma lhaqniex l-ammont li riedet taghtiha u kienet tiffirmalha c-cheque, li kienet timla' Michelina. L-imputata kompliet tispjega li darba kienet hadet id-deheb ta' Tessie u tatu lil Fr Godfrey il-kunvent. L-istatements tal-bank kienu jmorru id-dar ta' Tessie, u kien jigbor il-posta Fr Godfrey ghax kellu c-cavetta u qatt ma saqsieha fuq ic-cekkijiet. Fil-kontro ezami hareg illi l-imputata ghamlet hafna sagrificcji, hafna xoghol u hafna hin ma' Tessie Micallef u kien haqqa hafna izjed minn erba' mitt euro (€400) fix-xahar. B'referenza ghal karta li kitbet Tessie f'Novemru 2014, l-imputata sostniet li din kienet kitbitha Tessie biex jekk jinqala' xi problema hi ma jkollhiex inkwiet dwar ic-cekkijiet. Dwar il-fatt illi d-data tal-ittra hija fil-perjodu illi ic-cheque book kien ghadu f'idejn il-prokuratur u l-ewwel cheque

taghha huwa datat 12 ta' Dicembru 2014, hi tghid illi hi kienet is-snin ma' Tessie u Tessie riedet thallilha mitt elf euro. Mistoqsija kif meta mar in-Nutar f'Lulju 2015 biex jaghmel it-testment u Tessie kitbitilha mitt elf euro, l-imputatata ma' qalitx lil Tessie li sa dakinhar kienet gia hadet tmenin elf euro (€80,000) b'cekkijiet, hi wiegbet illi ma qaltilhiex ghax hadd ma kien jmur jaqdiha u jnaddafha hliefha. Tessie kienet tghidilha li setghet taghmel li riedet ghax kienu flusha u allura hi meta kitbet ic-cekkijiet ghamlet kif qaltilha Tessie. Qatt ma qaltilha li kienet qieghda tiehu mat- tlett elef euro (€3,000) fil-gimgha. L-imputata qalghet illi qasmet tlett kwarti tal-flus li hadet lil karita u l-kumplament irrangat xi haga fid-dar. Hi kienet zammet rendikont tas-sieghat li ghamlet mal-anzjani mill-ewwel gurnata, fejn ipprezentat Dok MG3, fejn l-ammont li kellha tiehu mill-familja Micallef ammonta ghal €103,610 wara li naqqset ir-rigali li taghtha Tessie u l-flus li kienet tithallas fil-gimgha. Giet ezebita kartolina immarkata bhala Dok MG4 minn Doris u John li jigu minn Tessie. Saret ukoll referenza ghal ittra li ntbaghtet mill-avukat ta' l-imputata f'isimha, lin-Nutar, fejn talbitu jghadilha il-mitt elf euro (€100,000) li kienu l-flus tat-testment li Tessie riedet tghadilha f'hajjitha.

Illi fl-1 ta' Marzu 2018 xehed **Patri Twanny Chircop**[25] li kien jaf lil Lina peress illi kien jmur jqarqar lil Tessie u ohtha fid-dar taghhom u l-maggior parti kien jarha hemm. Lina kienet tkun hemm tghinhom u kienet anke iccempilu biex jmur ghandhom.

Illi fl-istess seduta xehdet ukoll **Doris Gatt Scicluna**[26] li hija gara ta' Lina u Tessie gewwa Rabat. Tessie kienet il-kugina ta' ommha. Hi kienet taf lil Michelina ghax kienet tmur tnadfilha b'mod regolari lil Tessie u kienet ukoll tiehu hsiebha billi tlesti l-ikel u zzommha nadifa.

Illi fit 12 t'April 2018 xehdet **Karen Grech**[27] li tigi oht Michelina Grech, u tghid illi ghal okkazzjonijiet bhal Milied, l-Ewwel tas-Sena, Birthdays u Hdud huma kienu jghidu lil Lina biex tmur maghhom imma kienet tghid li ma setghetx ghax kienet trid tiehu hsieb lil Tessie. Ir-ragel ta' Lina kien jkun ma jiflahx u kienet thallih biex tiehu hsieb lil Tessie. Ix-xhud kompliet tghid illi fil-birthday taghha kienet ghamlet mezz u marru ghal Lina fis-saghtejn u nofs u fit-tlieta u ghoxrin kellhom jergghu jehduha lura ghax Tessie cemplet li kienet waqghet u kellhom jmorru jigbruha. Darb'ohra kienet ghaddiet ghand Tessie b'xirja li kienet ghamlet ghal

[25] Fol. 473-475
[26] Fol. 476-478
[27] Fol. 480-484

ohtha, u waqt illi kienet hemm Tessie waqghet u tghidx kemm ghajtet Lina, imma l-Father hu Tessie, li kien isfel lanqas tela' biex jghin u kellu jkun ir-ragel tax-xhud li refaghha. Ix-xhud qalghet li l-Father qal lil Michelina, 'ill nghidlek biex taqfilha f'home u biex ma tigilhiex bil-lejl'. Ix-xhud kompliet tghid li ohta Lina ghamlet snin ghaddeja hekk tmur ghand Tessie kuljum minn filghodu u mal-lejl, erbgha u ghoxrin siegha, ghax qisu bhal meta jkollok baby. I-xhud qalghet illi biex jaraw lil Lina kellhom jmorru huma, ghax hi lanqas qatt ma kienet tmur tara lil hutha jew lil ommha lanqas meta kienet l-isptar, minhabba Tessie.

Illi **Fr Godfrey Micallef**[28], re prodott, qal illi hu kien jmur jara lil Tessie kuljum filghodu ghal xi siegha jew siegha u nofs u kultant filghaxija. Hu kien jara lil Michelina hemm filghodu, imma filghaxija ma tantx. Michelina kienet tiehu hsiebha lil Tessie u taghmel li jkun hemm bzonn. Ma tantx kienu jmorru neputijiet jew kugini hlief huh darba fil, li kien baqa' haj.

Illi fis-6 ta' Dicembru 2018 xehed **Paul Attard** li qal illi Michelina kienet tigi oht il-mara tieghu u li kienet tahdem ma' Tereza minn filghodu sa filghaxija. Jaf dan kollu ghax kull nhar ta' Hadd kienu jcemplu lil Lina biex jiltaqghu, u hi kienet tghidilhom li ma setghatx ghax trid toqghod ma' Tereza. Lanqas fil-Milied jew f'xi party tal-familja. Hu kien jmur hdejn ir-ragel ta' Michelina u kien jsibu mdejjaq ghax ma setghax johrog minhabba fiha, u darba ukoll jaf li Lina kienet dahlet l-isptar bl-ugigh go sidirha u iffirmat biex tohrog, biex tkompli tiehu hsieb lil Tereza. Minn filghodu sa filghaxija, Lina kienet tiehu hsieb kollox u tehodha l-isptar lil Tereza, ghax hadd ma kien jersaq l'hemm. Ix-xhud kompla jghid li Tereza kienet tiehu l-kalmanti, u ghamlet xi zmien kienet hazina hafna, ghax anke l-grizma kienu ghamlulha. Hu jaf illi kienet tghix il-Live Life ghax gieli waslu lil Michelina hemm u jaf li Michelina gieli kienet tmur b'tal-linja.

## Ikkunsidrat

Illi jirizulta illi Michelina Grech kienet il-gara ta' Tessie Micallef li hija mara anzjana u li kienet ilha diversi snin tiehu hsieb il-bzonnijiet taghha u ta' hutha Katie u Karmenu qabel ma mietu. Ghal bidu Michelina kienet taghti l-ghajnuna minghajr hlas izda maz-zmien ix-xoghol beda jizdied, u bdiet tqatta' hafna izjed hin u ghalhekk Tessie bdiet thallasha talli kienet tghinha. Ghal bidu kienet thallasha mitejn (€200) fix-xahar u maz-zmien

[28] Fol. 485-488

dan l-ammont zdied ghal erba' mitt euro (€400) fix-xahar. Hu Tessie, Freddie kellu prokura ta' Tessie u kien jgibilha l-flus mill-bank u Tessie kienet tiffirmalu li hadithom. F'Dicembru 2014, Tessie marret l-Hsbc Bank ir-Rabat, ma' Michelina u kienu gabu cheque book u ghalqu xi kontijiet li kienu fixed u poggew il-flus fis-savings account. Minn dak iz-zmien sa Awwissu 2015 Tessie iffirmat diversi cheques, fejn l-ammont totali ta' dawn ic-cheques kien ta' disghin elf u disgha mitt euro (€90,900). Mill-provi hareg ukoll illi Tessie kienet tiffirma c-cheque vojt u Lina kienet timla' d-dettalji u cioe' li tikteb li cheque qed johrog f'isem Lina Grech, u l-ammont, li bejn cheque u iehor kien ivarja, wara li tiffirma Tessie. Tessie kienet tghidilha ghamel kemm hemm bzonn ghax kienet tafdaha. F'April 2015, Tessie dahlet go Home f'tas-Sliema u Michelina baqghet tmur taraha kuljum. Freddie li jigi hu Tessie, kien induna kemm kienu qed jingibdu flus mill-imputata meta rcieva statement tas-savings, fejn ra illi kien hemm hafna movimenti ta' flus, u ghalhekk mar il-bank halli jara x'kien qieghed jigri, u peress illi kellu prokura minghand Tessie, inghata kopji tac-cekkijiet kollha li kienu hargu mill-kont ta' Tessie, li kienu jinkludu l-hlas lil Home, lil Go, lil Michelina u lil huha David Grech.

Irrizulta wkoll illi Tessie kienet ukoll ghamlet testment fejn kienet ser thalli mitt elf euro (€100,000) lil Lina wara mewtha. L-imputata xehdet illi li kieku kellha tithallas tas-sieghat li ghamlet ma' Tessie l-ammont kien jaqbez il-mija u tlett elef euro (€103,000) u ghalhekk Tessie kienet qieghda tghadilha l-flus permess tac-cekkijiet ghax riedet taghtihomlha matul hajjitha, ghax skond l-imputata, jista' jkun li ma kienx ser jkun baqa' flus fil-kont. Tessie min-naha l-ohra xehdet illi kienet tiffirma c–cheques vojta ghax kienet tafdha lil Lina, u kienet tghidilha ghamilhom kemm hemm bzonn, imma ma' kinitx taf li kienu qeghdin jingibdu l-eluf minn Lina, u dan f'qasir zmien, u qatt ma' bassret li l-imputata ha taghmlilha dan l-agir. Infatti meta saret taf li Lina haditilha aktar minn disghin elf euro (€ 90,000) hi bidlet it-testment sabiex tnehhi l-ammont ta' mitt elf euro (€ 100,000) li kienet ser thalli lil Lina.

**Ikkunsidrat**

**<u>Dwar l-ewwel (1) imputazzjoni – Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a)</u>**

Illi r-reat t'approprjazzjoni indebita ravvizat bl-Artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fost ohrajn jirrikjedi it-tehid tal-haga bl-obbligu tar-radd lura taghha.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**[29]**;**

*L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.*

In oltre fil-kawża fl-ismijiet Il-**Pulizija vs John Gauci**, ġie kkunsidrat issegwenti:

*Minn ezami ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali jidher car li wiehed mill elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita huwa kostitwit mill-frazi: "... taht titolu illi jgib miehu l-obbligu ... li jsir uzu minnha specifikat ...". Specifikat minn min? Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-haga lill-agent u minn hadd izjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-haga u hadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispecifika lill-agent dwar kif ikollu jaghmel uzu mill-oggett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jaghti flus lill-agent biex dan bihom jixtrilu dar, l-agent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jaghtihom karita'. Jekk il-konsejatur jaghti flus lill-agent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-agent ikun approprja ruhu mill-flus indebitament jekk jaghtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-agent ikun ghamel uzu mill-flus kif specifikat. F'kull kaz, fl-indagini dwar il-htija jew le ta' approprjazzjoni indebita, ghandha ssir prova ta' l-uzu tal-haga specifikata mill-konsenjatur u prova ta' jekk l-agent ikunx ghamel mill-haga dak l-uzu jew uzu divers'.*[30]

Illi l-elementi ta' dan ir-reat gew diskussi fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Joanne Scibberras**[31] fejn giet ikkwotata is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Abela**[32] fejn intqal illi:

*"Għar-rigward tar-reat ta' miżapproprjazzjoni referenza ssir għas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni***[33]*, fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat: "Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi*

[29] Deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997, per Onor. Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

[30] Deċiża nhar l-14 ta' Frar 1997 per Onor. Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

[31] Deciza nhar l-10 ta' Jannar 2018 per Onor. Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech

[32] Deciza nhar is-6 ta' Lulju tas-sena 2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[33] Deciza 9 ta' Gunju, 1998 Appell Kriminali per Imhallef Dr Vincent De Gaetano

*ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b' mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor." … Ir-reat ta' appropjrazzjoni indebita jiddistingwi ruhu mir-reat ta' serq ghax l-oggett li jkun jigi moghti lill-agent volontarjament u mhux jittiehed kontra l-volonta' jew minghajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruhu wkoll mit-truffa ghax id-detentur tal-haga ma jigix ingannat permezz ta' raggiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-haga favur l-agent.*

Illi l-istess hsieb gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet "**The Police vs Artur Arakelyan"**[34]

*"Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others."*

Illi mix-xhieda moghtija u mill-provi migbura, il-Qorti hija konvinta illi tali imputazzjoni ravvizata taht l-Artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi stante li l-imputata ma' nghatatx flus jew cheques jew oggetti ohra, bil-kundizzjoni li troddhom lura, jew li taghmel xi haga specifika bihom, u ghalhekk ma' tistax tinstab htija taht din l-akkuza fil-konfront ta' l-imputata.

**<u>It-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni – Artikoli 18, 308, 309 u 310 (1)(a)</u>**

Illi l-imputata fit-tieni u t-tielet imputazzjoni hija akkuzata li b'mezzi kontra l-ligi qarrqet u ngannat sabiex taghmel qliegh bi hsara ghal haddiehor, skond l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marjanu Zahra**[35] fejn gie spjegat illi:

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u issuggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew*

---

[34] Deciza nhar is-17 ta' Lulju 2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[35] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu 2011, citata fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Il-Pulizija vs Derrick Schembri, per Onor. Magistrat Dr. Donatella M Frendo Dimech, Deciza 1.08.2016

*raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fillegislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa talCodice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'lartikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi…..".***

*Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*
*c. ta' kwalifiki foloz jew*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*
*e. ingann jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor jew*
*i. ta' krediti immaginarji jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*
*…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. …."*

*Dwar l-artifizji intqal mill-Qorti illi* ***"hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke***

***kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."***

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi* ***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-enscene."***

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid ikun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod illegittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa* ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** *Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu* ***"I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179).***

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) :* ***"L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta/ accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni skond l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati fl-istess sentenza qalet hekk:

*"Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmela German**[36], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet:

*"In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li: "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi"– dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim., 3/3/56)."*

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Illi fir-rigward dawn ir-reati, mix-xhieda moghtija mill-*parte civile*, irrizulta illi l-imputata uzat l-ingann, meta l-istess imputata kienet thalli lil parte civile tiffirma fuq cheques vojta minghajr isem lil min ser jithallsu, minghajr ammont u minghajr ma' taghti raguni ghal xiex ser jithallsu. Illi l-imputata infatti pprezentat dokument[37] b'hinijiet li hadmet u bl-

[36] Deciza 30 ta' Dicembru, 2004; Appell Nru.130/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano
[37] Fol.470-471

ammont li ppretendiet li kellha tithallas mill-familja Micallef, sabiex tipprova tiggustifika dawn il-krediti immaginarji.

Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi t-tieni (2) akkuza skond Artikolu 308 giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi fil-konfront ta' l-imputata Michelina Grech, u mhux it-tielet (3) akkuza, ir-reat minuri ravvizat bl-Artikolu 309.

Illi inoltre l-imputata hadet l-ammont ta' disghin elf u disgha mitt euro (€90,900) li nhargu permezz ta' cheques miktubin minnha stess, f'isimha, mill-perjodu ta' Dicembru 2014 sa Awissu 2015, u ghalhekk ir-reat kontinwat ravvizat fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie wkoll ppruvat, u ghalhekk il-piena ikkontemplata fl-Artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija applikabbli.

**Ir-raba' (4) imputazzjoni – Artikoli 18, 261(c)(d), 267, 268, 279(b), 280 u 281**

Illi l-imputata fir-raba'(4) imputazzjoni hija akkuzata li kkomettiet serq bil-valur ta' aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-*parte civile* liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.

Il-Qorti kkunsidrat illi ir-reat ta' serq jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma:

(i) il-kontrettazzjoni ta' haga
(ii) ta' haddiehor
(iii) b'qerq
(iv) kontra l-volonta' tas-sid
(v) bl-iskop ta' lukru.

Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament ta' Carrara[38] meta ifisser is-serq bhala *"La contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro"*.

Illi fil-kaz odjern ghalkemm l-imputata hadet somma flus ghad-dannu tal-*parte civile*, b'qerq, u bl-iskop ta' lukru ghaliha nnifisa, l-element ta' *invito*

[38] (Prog. Parte Speciale Vol IV, para 2017)

*domini* huwa nieqes, stante li kienet il-*parte civile* stess li kienet tiffirma c-cheques lil imputata, ghalkemm l-imputata naqqset intenzjonallment milli tinforma jew tavza lil *parte civile,* rigward l-ammonti, li l-istess imputata kienet ser tiehu mill-kont tal-*parte civile*, kemm qabel il-*parte civile* tiffirma tali cheque u anke wara li tali cheque jigi msarraf mill-imputata.

Illi ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi tali imputazzjoni ma' gietx ippruvata fil-konfront ta' l-imputata u ghalhekk qed tillibera' minnha.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li qed **tillibera** lil imputata **mill-ewwel (1), t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 257 D(1)(a), 308 u 310(1)(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputata Michelina Grech **hatja tat-tieni (2) imputazzjoni** u tikkundanha ghal piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' (4) snin**.

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 28H(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil imputata Michelina Grech tirrestitwixxi lil **Teresa sive Tessie Micallef** l-ammont **ta' disghin elf u disa mitt euro (€90,900) u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28H(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata qed tinghata **zmien sitt xhur millum sabiex thallas lil parti leza.**

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hatja **Michelina Grech** b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **erbgha (4) snin** millum, ghall-protezzjoni ta' **Teresa sive Tessie Micallef**. Il-Qorti fissret lill-imputata Michelina Grech bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Teresa sive Tessie Micallef ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputata

**Michelina Grech** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma timmolestax, ma ddejjaqx u ma tingurjax lil *parte civile* **Teresa sive Tessie Micallef.**

Il-Qorti spjegat lil imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien erbgha (4) snin.

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputata f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat